

Brussell, 26 ta' Jannar 2022  
(OR. en)

5668/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0015(BUD)**

---

**FIN 60**  
**SOC 47**

## PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 25 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (EGF/2022/000 TA 2022 - Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 25 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 25 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.1.2022  
COM(2022) 25 final

2022/0015 (BUD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni  
għall-Ħaddiema Ssensjati (EGF/2022/000 TA 2022 - Assistenza teknika fuq inizzjattiva  
tal-Kummissjoni)**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013<sup>1</sup> (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ir-Regolament dwar il-FEG).

### **SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI**

<b>Data ewlenija:</b>	
Nru ta' Referenza tal-FEG	EGF/2022/000
Il-Kummissjoni Ewropea	Assistenza Teknika
Nefqa amministrattiva: baġit f'EUR	290 000
% tan-nefqa amministrattiva (limitu massimu: 0,5 %)	0,14 %

F'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG, massimu ta' 0,5 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG jista' jkun disponibbli kull sena għall-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni.

### **Assistenza teknika li għandha tiġi finanzjata u diżaggregazzjoni tal-kostijiet stmata tagħha**

1. Il-pandemija tal-COVID-19 mhux biss fixklet l-ittrattar tal-każijiet tal-FEG, iżda ħolqot ukoll inċertezza fir-rigward tal-operazzjonijiet ġenerali, b'mod partikolari l-avvenimenti li jkunu jeħtieġu preżenza fiżika. Għalhekk fl-2021, il-Kummissjoni ma talbet ebda appoġġ tal-assistenza teknika. Il-proposta għall-2022 hija adattata għas-sitwazzjoni attwali.
2. Il-kontribuzzjoni se tintuża għan-nefqa msemmija fl-Artikolu 11(1) u (4) kif ukoll fl-Artikolu 12(2), (3) u (4) tar-Regolament dwar il-FEG, kif dettaljat hawn taħt. Se tkun ġestita mill-Kummissjoni Ewropea b'ġestjoni diretta.

<b>Deskrizzjoni</b>	<b>Nefqa totali (f'EUR)</b>
Nefqa amministrattiva	190 000
Nefqa teknika	100 000
<b>Nefqa totali stmata</b>	<b>290 000</b>

3. Nefqa amministrattiva:

<sup>1</sup> ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

- Il-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG, b'żewġ membri minn kull Stat Membru, se jkun qed jorganizza l-laqgħat regolari tiegħu (fl-ewwel u t-tieni nofs tal-2022, u fl-ewwel nofs tal-2023). Minħabba l-pandemija, il-laqgħa tal-2021 kienet kompletament virtwali. Skont l-ippjanar attwali, x'aktarx li fl-2022 se jerġgħu jibdedew il-laqgħat bil-preżenza fiżika.
- Sabiex tippromwovi n-networking fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni se torganizza seminar bil-parteċipazzjoni tal-korpi ta' implimentazzjoni u s-sħab soċjali tal-FEG. Dan se jiġi skedat għarnata qabel il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti fl-2022. Il-laqgħa x'aktarx li se ssir fiżikament.
- Attivitajiet ta' informazzjoni: il-preżenza online tal-FEG<sup>2</sup>, li l-Kummissjoni stabbiliet fil-qasam tagħha tal-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, u li qed iżżommha kif meħtieġ skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament dwar il-FEG, se tkun regolament aġġornata u estiża, u kull element għdid se jiġi tradott bil-lingwi kollha tal-UE. Is-sensibilizzazzjoni ġenerali dwar il-FEG se tiżdied u l-viżibilità tiegħu se tiġi promossa. Il-FEG se jiġi kopert f'diversi pubblikazzjonijiet u attivitajiet awdjoviżivi tal-Kummissjoni kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG.

#### 4. Nefqa teknika:

- Manutenzjoni u aġġornament tas-sistema tal-iskambju elettroniku tad-*data*: Il-Kummissjoni qed tkompli ħidmietha dwar il-proċeduri standardizzati għall-applikazzjonijiet u l-ġestjoni tal-FEG, bl-użu tal-funzjonalitajiet tas-Sistema Komuni għall-Ġestjoni Kondiviża tal-Fondi (SFC). Dan jippermetti li l-applikazzjonijiet taħt ir-Regolament dwar il-FEG jiġu simplifikati, l-ipproċessar tagħhom jitħaffef u diversi rapporti jiġu estratti aktar faċilment. L-interfaċċa tal-SFC qed tiffaċilita wkoll l-operazzjonijiet finanzjarji tal-FEG. B'mod partikolari dan jinkludi:
  - Il-manutenzjoni tal-applikazzjoni tal-SFC 2014-2020, u żvilupp ulterjuri meħtieġ għall-għeluq tal-każijiet.
  - L-iżvilupp ulterjuri tal-interfaċċa tal-FEG 2021-2027 fl-SFC, b'mod partikolari funzjonijiet ġodda u aġġustamenti biex l-SFC tiġi allinjata mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-FEG 2021-2027.
- Monitoraġġ u ġbir tad-*data*: il-Kummissjoni se tiġbor id-*data* dwar l-applikazzjonijiet li tirċievi, tħallas u tiffinalizza, u l-miżuri proposti u implimentati. Din id-*data* se tkun disponibbli fuq is-sit web u se tkun ikkompilata f'għamla xierqa għar-rapporti biennali futuri.

### **Finanzjament**

5. Il-baġit annwali massimu disponibbli għall-FEG fl-2022 huwa EUR 186 miljun fil-prezzijiet tal-2018 (EUR 201 332 382 fil-prezzijiet tal-2022), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027<sup>3</sup>.

<sup>2</sup> <http://ec.europa.eu/egf>

<sup>3</sup> ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/15.

6. L-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG jgħid li 0,5 % ta' dan l-ammont jista' jkun disponibbli għall-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni. Attwalment, għadu disponibbli l-ammont kollu għall-2022. L-ammont propost jikkorrispondi għal 0,14 % tal-baġit annwali massimu disponibbli għall-FEG fl-2022.
7. Id-deċiżjoni proposta li jiġi mobilizzat il-FEG se tittieħed b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>4</sup>.

### **Atti relatati**

8. Fl-istess waqt li se tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment għal-linja baġitarja rilevanti bl-ammont ta' EUR 290 000.

### **Sors tal-appropriazzjonijiet ta' pagament**

9. L-appropriazzjonijiet mil-linja baġitarja tal-FEG se jintużaw biex ikopru l-ammont ta' EUR 290 000 meħtieġ għall-assistenza teknika.

---

<sup>4</sup> ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/29.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (EGF/2022/000 TA 2022 - Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013<sup>5</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>6</sup>, u b'mod partikolari il-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u jippromwovi impjiegi diċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom titwaqqaf fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar maġġuri, u jassistihom biex jerġgħu lura għal impjieg diċenti u sostenibbli malajr kemm jista' jkun.
- (2) Il-FEG ma jistax jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093<sup>7</sup>.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2021/691 jipprevedi li massimu ta' 0,5 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG jista' jintuża kull sena għall-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni.
- (4) Għalhekk, il-FEG jenħtieġ li jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 290 000 għall-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni.
- (5) Sabiex jitnaqqas iż-żmien meħud biex jiġi mobilizzat il-FEG, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

<sup>5</sup> ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

<sup>6</sup> ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/29

<sup>7</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/15).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2022, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 290 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]*\*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

\* Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.